MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2011

Mandat Numru. 969/2011/1

**Salvatore u Audrey konjugi Demanuele**
**vs**
**Doreen Coleiro**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tal-15 ta' Lulju 2011;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Lulju 2011 fejn laqghet provvizorjament it-talba tar-rikorrenti;

Rat li r-rikorenti talbu fl-4 ta' Awwissu illi l-propjeta maqbuda ghandha tigi sostitwita b'ohra billi fil-frattempt din il-proprjeta lahqet inbieghet;

Rat li din it-talba flimkien ma' parti mill-kontenut tat-talba gew mibdula b'digriet tal-Qorti tat-23 ta' Awwissu 2011.

Rat li r-rikors kif sostitwit gie notifikat lill-intimata li fis-seduta tal-20 ta’ Settembru iddikjarat li qed taghti ruhha bil-atti kif korretti;

Id-difensuri tal-partijiet trattaw ir-rikors fis-seduta tal-20 ta’ Settembru 2011 u d-difensur tal-intimata ippresenta ukoll xi dokumenti in sostenn;

Rat illi r-rikors thalla ghad-digriet.

**Ikkunsidrat**

In sintesi t-tesi tar-rikorrenti hi is-segwenti. Huma kredituri ta’ David Coleiro, ir-ragel tal-intimata li minnu l-istess intimata hi legalment isseparata. B’sentenza tal-Qorti tas-26 ta’ April 2011 ir-rikorrenti ottjenew sentenza favurihom kontra David Coleiro fejn il-Qorti ikkundannatu jhallas lir-rikorrenti is-somma ta’ Euro 10,200, bl-imghax.

Huma jsostnu illi dan id-debitu jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-konjugi Coleiro li ghalih ghandha taghmel tajjeb ukoll l-intimata bil-proprjeta taghha ukoll, anki dik in kwistjoni, cioe l-fond numru 29 bl-isem Splendour fi Triq Katerina Vitale, Santa Lucia, avolja hi parafernali stante li mixtrija wara s-separazzjoni.

Huma jsostnu illi David Coleiro ma ghandu ebda assi u jekk l-intimata tbiegh il-fond parafernali taghha ser isofru pregudizzju irrimedjabbli. Huma ddikjaraw li ppresentaw kawza kontra l-intimata ghal hlas minn ghandha tas-somma dovuta.

L-intimata irrispondiet illi d-dritt li jixtiequ jikkawtelaw ir-rikorenti ma ghandu ebda relazzjoni mal-proprjeta prezenti tal-intimata u anqas mal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u David Coleiro.

Gie rilevat illi David Coleiro illum jinsab il-habs u l-istess sentenza frott tal-kreditu tar-rikorrenti ssib il-fonti taghha fl-indebitu maghmul b’qerq da parti ta’ David Coleiro u a bazi tal-artikolu 1327 tal-Kodici Civili, l-intimata ghalhekk mhix responsabbli b’sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti.

Premess li l-ghan ta’ talba ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista’ tkun ta’ hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat. Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta’ mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta’ hrug tieghu r-rikorrenti ser isofri pregudizzju; it-tieni haga hi li r-rikkorent ikun jidher li ghandu prima facie dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug ta’ mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

Ir-rikorrenti qed jallegaw li huma ghandhom dritt ta’ kreditu. Dan hu stabbilit bis-sentenza precitata. Huma qed izidu pero li dan id-dritt jestendi mhux biss kontra l-konvenut f’dik il-kawza izda anki kontra martu (ghalkemm separata minnu fil-mori tal-kawza) li ma kienitx parti fil-kawza. Huma qed jibbazaw it-tezi taghhom fuq il-fatt li id-debitu sar fiz-zwieg u ghalhekk hi responsabbli ghad debitu sar x’sar bejn l-intimata u zewgha fil-mori tal-kawza. Din ir-responsabilta tippersisiti b’rimedju anki fuq proprjeta personali taghha. Ovvjament l-intimata qed tilqa’ ghal dan billi tichad illi dan id-dejn jahti ghalih il-komunjoni u dan in kwantu l-artikolu 1327(f) tal-Kodici Civili jghid illi kull dejn maghmul bhala rimedju civili minn parti wahda fiz-zwieg li ikun gej minn reat maghmul b’rieda, allura l-parti tal-komunjoni tal-parti l-ohra fiz-zwieg ma tintlaqatx sakemm il-parti l-ohra fiz-zwieg ma titqies komplici.

Bla dubbju dawn huma kwistjonijiet fil-mertu pendenti quddiem l-istess Qorti. L-indagini ghalissa pero trid tkun biss prima facie u li jirrizulta prima facie ghal mument hu illi d-debitu sar fiz-zwieg u fi zmien il-komunjoni li fih kienet partecipi l-intimata. Dan in principju jaghti drittijiet lir-

rikorrenti anki fil-konfront tal-intimata. Kwindi ghall-indagini prima facie dwar id-dritt vantat mir-rikorrenti jidher li dan jirrizulta ghal finijiet limitati ta’ hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni. Jigi precizat illi bl-ebda mod il-Qorti ma hi qed tippronunzja ruhha fuq il-gustifikazzjoni o meno tal-pretensjoni tar-rikorrenti mressqa minnhom fil-kawza promossa kontra l-intimata. Dan hu mertu differenti u hafna aktar approfondit minn dak li qed jigi accertat f’dan l-istadju.

Din il-Qorti tqis pero li r-rikorrenti jonqsu mill-prova necessarja dwar in-necessita ghal hrug tal-mandat tant li minghajru r-rikorrenti ser isofru pregudizzju li l-Qrati ormai sostnew b’kostanza li jrid ikun ’irrimedjabbli’. Gie ippruvat mill-intimata illi l-proprjeta li fuqha qed jintalab l-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni inxtrat minnha b’kuntratt tas-6 ta’ Jannar 2006 u li partecipi f’dan l-kuntratt kien il-Bank of Valletta li ssoministra self sostanzjali ghax-xiri tal-imsemmi fond u fuqu ghandu garanziji ipotekarji ghal finijiet ta hlas. Apparti d-dejn kbir li hemm fuq il-proprjeta hu difficili jigi accettat minn din il-Qorti illi l-intimata hi f’pozizzjoni li tirrendi l-pozizzjoni tar-rikorrenti ’irrimedjabbli’. Il-bejgh ta’ tali proprjeta hi soggetta ghal hlas lura lil bank tal-flus mislufa lill-intimata u zgur li kull trasferiment li tista’ taghmel l-intimata ser isir b’mod ghal kollox miftuh u minghajr omerta. Inoltre anki jekk isir il-bejgh u l-bank jithallas lura is-self, xejn ma josta lir-rikorrenti milli jippreservaw kull dritt li jista’ jkollhom fuq il-bilanc tar-rikavat bil-mezzi appositi li tipprovdi il-ligi. Il-prova tal-irrimedjabilta tispetta lir-rikorrenti, prova li f’din il-procedura ma saritx. Mhux bizzejjed li r-rikorrenti jaghtu l-prova tal-utilita futura ghalihom bil-hrug tal-mandat izda jridu jmorru hafna oltre minn hekk u jippruvaw sodisfacentement lil din il-Qorti li minghajr il-hrug tal-mandat id-dritt taghhom ser ikun irreparabilment pregudikat. Dan ma sarx.

Ghalhekk din il-Qorti f’dawn ic-cirkostanzi ma tistax tilqa’ t-talba tar-rikorrenti ghal hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni fil-konfront tal-intimata u filwaqt li tirrevoka d-digriet provvizorju taghha tal-15 ta’ Lulju 2011, tichad

definittivament it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjes kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------